223

20 ta' Lulju 2021

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
21 JUL 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/613/21* |
| *Lokazzjoni:* | *Altona Garages, Triq Burmarrad, Burmarrad, San Pawl il-Bahar* |
| *Proposta:* | *To sanction garages/basement as built, change in use to silencer repair, sprayers and panel beating Class 5B* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Victoria Camilleri**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant Victoria Camilleri tesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2021, giet sottomessa din l-applikazzjoni.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fit- 23 ta' Gunju 2021, l-istess Kummissjoni irrifjutat il-permess.

Bid-dovut rispett, l-appellant ihossu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).

- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi certament li l-ewwel raguni tar-rifjut m' hijiex sostenibbli.

1.2 Illi minkejja li l-policy titkellem dwar comprehensive development fuq l-Area B tal-Mappa 45A, kienet l-Awtorita stess li qasmet din l-Area B, meta hija ikkunsidrat u approvat il-permess PA 2495/15.

1.3 Is-sit formanti parti minn PA 2495/15 huwa il-maggoranza tal-Area B, u huwa inkoncepibbli kif wara il-hrug ta' dak il-permess, l-applikant odjern jintalab li ssir comprehensive plan flimkien mas-sid tas-sit tal- PA 2495/15, meta dan ta' l-ahhar ghandu il-permess, sar l-izivlupp, u m' ghandu l-ebda htiega jew inytteress jew ambizzjoni li joqghod jippartecipa f' comprehensive plan.

1.4 Dan apparti li meta l-Awtorita approvat il-PA 2495/15, ma obbligatx lill-applikant biex jaghmel comprehensive plan ma' l-applikant odjern.

1.5 Illi oltre dan l-Awtorita injorat kompletament il-fatt li parti sostanzjali mill-izvilupp ta' l-applikant huwa diga kopert minn permess validu (1718/90).

1.6 Illi l-accessibilita tas-sit hija materja li ghad tista tigi indirizzata, u dan dejjem fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet teknici u fizici ta' l-istess sit.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

| | |
|---|---|
| Xiedha: | Ufficjali ta' l-Awtorita, konsulenti (esterni u interni) sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz u l-permessi li ghalihom issir referenza fl-appell |

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**